

Brussell, 22 ta' Frar 2016
(OR. en)

6107/16

LIMITE

FIN 99
AGRI 67
FORETS 7
DEVGEN 21
ENV 69
RELEX 108
UD 20

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem: "L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT" - Adozzjoni

1. Fis-26 ta' Ottubru 2015, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva r-Rapport Speċjali Nru 13/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) bl-isem "L-appoġġ tal-UE għal pajjiżi li jipproduċu l-injam taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT"¹.
2. Fit-2 ta' Diċembru 2015, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) ta mandat lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Forestrija biex jeżamina r-rapport speċjali f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri².

¹ Dan ir-rapport speċjali huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Qorti: <http://eca.europa.eu>.

² Dok. 7515/00 FIN 127 + COR 1.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Forestrija eżamina r-rapport fl-10 ta' Diċembru 2015, fit-12 ta' Jannar u fis-17 ta' Frar 2016. Fid-dawl ta' dak l-eżami l-Presidenza fasslet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill. Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Frar 2016, il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar it-test ta' abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, kif imniżżel fl-Anness għal din in-Nota.
 4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-kunsens milħuq mill-Grupp ta' Ħidma u jirrakkomanda lill-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" biex jadotta l-konklużjonijiet imniżżlin fl-Anness għal din in-nota fis-sessjoni tiegħu li jmiss tal-14 ta' Marzu.
-

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT"

II-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 13/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT" u JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport;
- (2) JINNOTA li r-rapport jirrikonoxxi li l-appoġġ tal-UE lill-FLEGT kien ibbażat fuq valutazzjoni soda tal-problema ta' qtugħ illegali tas-siġar, il-motivaturi warajha u l-miżuri possibbli li għandhom jittieħdu, u li l-Pjan ta' Azzjoni ġie kkonċepit b'mod innovattiv. JENFASIZZA wkoll li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT huwa bbażat fuq rispons koordinat tal-UE, abbażi tal-ħiliet u l-kapaċitajiet differenti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE, u JENFASIZZA li l-effiċjenza u l-effettività ta' programmi ta' appoġġ FLEGT ta' diversi Stati Membri u l-implimentazzjoni tal-politika ġenerali tal-UE f'dak il-qasam, jappoġġaw lil xulxin;
- (3) JINNOTA li l-appoġġ koordinat eżistenti lill-pajjiżi li jipproduċu l-injam mill-UE u l-Istati Membri tagħha huwa element ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, u li dan l-appoġġ huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea, partikolarment permezz tal-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPA) FLEGT bejn l-UE u l-pajjiżi li jipproduċu l-injam;

- (4) JENFASIZZA li l-VPAs isaħħu l-kapaċitajiet tal-gvernijiet u n-negożji biex b'mod effettiv jirregolaw, jamministraw u joperaw fil-foresti b'konformità mar-rekwiżiti legali nazzjonali u fuq kollox jeħtieġu standards għoljin għas-sistemi ta' assigurazzjoni tal-legalità, li jridu jiġu ssodisfati qabel ma jkun jista' jibda l-liċenzjar FLEGT;
- (5) JIRRIKONOXXI li l-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE rnexxielhom jagħtu l-appoġġ FLEGT lill-pajjiżi li jipproduċu l-injam f'ambjent ta' sfida, b'kunsiderazzjoni tal-kumplessità fl-indirizzar tal-qtugħ illegali tas-siġar u l-promozzjoni ta' governanza tajba tal-foresti u infurzar tal-liġi f'diversi pajjiżi, il-varjetà ta' rwoli tal-pajjiżi sħab fis-suq dinji tal-injam u l-ħtieġa għall-konsistenza ma' programmi u proġetti REDD+;
- (6) JENFASIZZA li f'termini ta' kundizzjonijiet ġenerali għall-ħsad ta' injam legali u sostenibbli, sar ħafna progress fil-pajjiżi sħab, bħall-parteċipazzjoni, it-trasparenza u l-proċessi demokratiċi, il-kjarifika ta' ambjenti leġislattivi u l-kunċett ta' "legalità" tal-ħsad tal-injam, kif ukoll il-kjarifika tas-sjieda tal-art jew il-bini ta' kapaċità, inkluż għall-kontrolli ta' partijiet terzi;
- (7) JITLOB lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb aktar is-sinerġiji, l-effiċjenza u l-effettività fl-għoti ta' appoġġ lil pajjiżi li jipproduċu l-injam;
- (8) JINNOTA li reċentement il-Kummissjoni rrapportat³ dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam (EUTR) u bħalissa qed tlesti evalwazzjoni usa' tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT;
- (9) JAQBEL li hemm bżonn li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi implimentat u applikat l-EUTR, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern kollu;

³ dok. 6303/16 u 6311/16

- (10) JEMMEN li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport speċjali u s-segwitu possibbli tagħhom għandhom jiġu indirizzati b'mod integrat fuq il-bażi tar-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-EUTR u kwalunkwe segwitu possibbli għall-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, filwaqt li jitqies ukoll kwalunkwe żvilupp rilevanti rigward il-governanza tal-foresti fil-livell multilaterali, inkluż l-Arranġament Internazzjonali dwar il-Foresti;
- (11) JOFFRI l-appoġġ sħiħ lill-Kummissjoni hi u tindirizza t-tħassib imqajjem mill-Qorti wara l-evalwazzjoni ġenerali kontinwa tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT;
- (12) JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikolari lir-rakkomandazzjoni tal-Qorti għat-titjib tal-ippjanar u r-rappurtar tal-komponenti varji tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT biex jirriflettu għanijiet, prioritajiet u skadenzi ċari, u biex tagħti attenzjoni wkoll lir-riżorsi baġitarji assoċjati għall-appoġġ tal-pajjiżi li jipproduċu l-injam, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-appoġġ reċiproku mal-programmi tal-Istati Membri.
